Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,564, 20 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 12 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons), 1998

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Inġinerija;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng.(Hons); u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons).

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara.

L-Eliġibilita' għall-Grad

3. Biex ikun eliġibbli għall-Grad student għandu -

(a) jkun irreġistrat bħala student regolari fil-Kors kif preskritt fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) jtemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit ieħor kif preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(c) jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt f'xi statuti u regolamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Reġistrazzjoni u r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors

4. Biex ikun irreġistrat bħala student regolari fil-Kors kandidat għandu jissodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif imniżżlin fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita' u,

(a) jkun kiseb grad li għadda bi Kredtu jew b'Distinzjoni fil-Matematika Pura u fil-Fiżika meħudin fil-Livell Avvanzat bħala parti mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola;

jew

(b) skond it-termini tar-Regolament 6.3 tar-Regolamenti għad-Dħul jekk ikun:

(i) għadda minn ħames suġġetti fl-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja li għandhom jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti, u

(ii) għadda fl-Oqsma ta' l-Għerf fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, u

(iii) *jew*

kiseb il-*Higher Technician Diploma* tas-*City and Guilds of London Institute* Kors Numru 8000 fl-Inġinerija Elettrika u għadda fil-Livell Avvanzat fil-Fiżika bi Grad Ċ jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-

Matrikola ta' l-Universita' jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul;

jew

kiseb il-*Higher Technician Diploma* tas-*City and Guilds of London Institute* Kors Numru 8000 fl-Inġinerija Mekkanika u għadda fil-Livell Avvanzat fil-Matematika Pura bi Grad Ċ jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' l-Universita' jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul;

jew

kiseb id-Diploma fl-Elettronika Industrijali, bi kredtu, taċ-Ċentru tat-Taħriġ Fellenberg u għadda fil-Livell Avvanzat fil-Fiżika bi Grad Ċ jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' l-Universita' jew f'livell korrispondenti ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul;

jew

(c) jekk kandidat huwa gradwat ta' Universita' jew għandu kwalifiki oħra li huma kkunsidrati suffiċjenti, jista' jkun eżentat mill-Bord għad-Dħul ta' l-Universita', fuq il-parir tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakulta', mir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors kollha jew parti minnhom.

L-Istruttura tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' erba' snin ta' studju *full-time* u għandu jkun imqassam f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) Student ma jistax itemm il-Kors f'inqas minn erba' snin jew aktar tard minn ħames snin mill-ewwel reġistrazzjoni, ħlief f'ċirkustanzi speċjali bil-permess tas-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord.

(3) Kull sena tal-Kors għandha tikkonsisti f'żewġ semestri ta' studju, li jkunu, ħlief fl-aħħar sena, segwiti minn perijodu ta' tmien ġimgħat ta' taħriġ industrijali kif approvat mill-Bord.

(4) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux inqas minn 120-il kredtu huma assenjati fil:

(a) Prinċipji Fundamentali ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika;

(b) oqsma ewlenin u elettivi fil-fergħat ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika;

(c) proġett fl-inġinerija li għalih mhux inqas minn tmien kredti huma assenjati; u

(d) taqsimiet studju fakultattivi li għalihom mhux inqas minn tmien kredti huma assenjati, magħżulin mit-taqsimiet studju offruti mill-Bord jew minn taqsimiet studju offruti minn entitajiet oħra ta' l-Universita'.

(5) Il-Bord għandu jfassal katalgu ta' taqsimiet studju għal kull sena tal-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kredti assenjati għal kull taqsima studju u liema taqsimiet studju huma obbligatorji. Il-Bord għandu jippublika l-katalgu qabel ma tibda' kull sena akkademika.

(6) Il-Bord jista' jeżenta student mill-ħtieġa li jikseb kredtu jekk hu jkun kiseb kwalifika mill-Universita', jew minn istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha hu, fl-opinjoni tal-Bord, għall-inqas ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dak meħtieġ għall-kredtu kkonċernat.

L-Ewwel Parti

6. (1) L-Ewwel Parti għandha tinfirex fuq l-ewwel sena tal-Kors u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju fil-Prinċipji Fundamentali ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika u fi tmien ġimgħat ta' taħriġ industrijali.

(2) Biex itemm l-Ewwel Parti u jkun jista' jirreġistra għat-Tieni Parti tal-Kors student irid jikseb minimu ta' 26-il kredtu.

(3) Fil-bidu tat-tieni semestru, l-istudenti għandhom jagħżlu l-programm ta' studju li jridu jsegwu fit-Tieni Parti tal-Kors.

It-Tieni Parti

7. (1) It-Tieni Parti għandha tinfirex fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' sena tal-Kors.

(2) Fit-Tieni Parti l-istudenti għandhom jagħżlu li jsegwu l-programm ta' studju f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:

(a) il-Qasam ta' l-Inġinerija Elettrika;
(b) il-Qasam ta' l-Inġinerija Mekkanika.

(3) Il-progamm ta' studju fil-Fergħa ta' l-Inġinerija Elettrika għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u tal-Kompjuter;
(b) *Electrical Power and Control Engineering*;
(c) il-Mikroelettronika.

(4) Il-programm ta' studju fil-Fergħa ta' l-Inġinerija Mekkanika għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) l-Inġinerija tal-Manifattura;
(b) l-Inġinerija Mekkanika;
(c) il-Metallurġija u l-Materjal.

(5) Matul ir-raba' sena tal-Kors l-istudenti jridu jagħmlu proġett fl-inġinerija approvat mill-Bord ta' l-Istudji, u jissottmettu l-proġett u rapport bil-miktub fuqu lill-Bord ta' l-Eżaminaturi mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-kredti għandhom jingħataw skond is-sistema ta' ggradar stabbilita mis-Senat. Il-gradi għandhom iqisu l-livell milħuq mill-istudent fix-xogħol ta' matul il-kors, fit-testijiet bil-miktub u fl-eżamijiet skond kif meqjus xieraq mill-Bord.

(2) Student li jeħel f'taqsima studju għandu jitħalla jerġa' jiġi ttestjat darba biss. Fir-rivalutazzjoni l-grad mogħti ma jistax ikun ogħla mill-grad D. Student li, matul is-sena akkademika, jeħel f'numru ta' taqsimiet studju li għalihom aktar minn tmien kredti huma assenjati ma għandux jitħalla jagħmel reparatorji u ma għandux jitħalla jkompli għas-sena ta' wara tal-Kors.

(3) Testijiet bil-miktub għandhom isiru fl-aħħar ta' kull semestru, barra wara t-tieni semestru ta' l-ewwel sena u matul ir-raba' sena tal-Kors.

(4) Taqsimiet studju segwiti matul it-tieni semestru ta' l-ewwel sena u matul ir-raba' sena għandhom ikunu valutati fl-eżamijiet li jsiru fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti u matul l-aħħar sena tat-Tieni Parti tal-Kors.

(5) Testijiet supplimentari bil-miktub isiru biss f'Settembru.

(6) Student jista' jitħalla jeħel minn taqsimiet studju li għalihom mhux aktar minn ħames kredti huma assenjati tul il-Kors kollu.

(7) Student li ma jirnexxilux jissodisfa r-rekwiżiti biex ikompli għas-sena ta' wara tal-Kors għandu jitħalla jirrepeti l-programm ta' studju tas-sena li jkun weħel fiha. L-ebda student ma għandu jitħalla jirrepeti sena għal aktar minn darba matul il-Kors kollu, ħlief f'ċirkostanzi straordinarji bl-approvazzjoni tas-Senat.

(8) Student li jitħalla jirrepeti xi sena jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jiġi ċċentat milli jiġi rivalutat fit-taqsimiet studju li għalihom huwa jkun diġa' kiseb kredtu matul is-sena li fiha jkun weħel.

(9) Student li jitħalla jirrepeti xi sena għandu jingħata l-grad minimu ta' D għal kull taqsima studju li jkun weħel fiha fis-sena ta' qabel.

L-Eżamijiet

9. (1) L-Eżamijiet għandhom isiru fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti u matul l-aħħar sena tat-Tieni Parti.

(2) L-eżami tat-Tieni Parti għandu jsir fit-tmiem ta' l-ewwel semestru u fit-tmiem tat-tieni semestru ta' l-aħħar sena.

(3) Biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-eżami tat-Tieni Parti, student għandu jgħaddi f'kull komponent ta' l-eżami.

(4) Student li jeħel f'numru ta' karti ta' l-eżami tat-Tieni Parti li huma ekwivalenti għal aktar minn tmien kredti għandu jitħalla jirrepeti s-sena, sakemm dan ikun permess skond il-paragrafu (7) tar-regolament 8.

(5) Student li ma jirnexxilux jissodisfa l-eżaminaturi fil-proġett jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottometti l-proġett mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk jagħddi, l-ogħla grad li jista' jingħata huwa grad D. Jekk ma jgħaddix, l-istudent għandu jitħalla jirrepeti s-sena, sakemm dan ikun permess skond il-paragrafu (7) tar-regolament 8.

(6) Student li jeħel f'numru ta' taqsimiet studju li huma ekwivalenti għal mhux aktar minn tmien kredti fl-eżami tat-Tieni Parti għandu jerġa' jkun ittestjat permezz ta' eżami *viva voce*. Il-livell milħuq mill-istudent fl-eżami *viva voce* għandu jkun irrapportat mill-Bord ta' l-Eżaminaturi lill-Bord tal-Klassifikazjoni tal-Grad kostitwit skond il-paragrafu (3) tar-regolament 10.

Ir-Riżultati u l-Għoti tal-Grad

10. (1) Il-Grad għandu jingħata lill-istudenti li jkunu:

(a) kisbu mhux anqas minn 115-il kredtu matul il-Kors;

(b) issodisfaw ir-rekwiżiti kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(c) issodisfaw ir-rekwiżiti kollha preskritti fi statuti u f'regolamenti oħra ta' l-Universita'.

(2) Il-Grad għandu jingħata f'waħda mill-klassifikazzjonijiet li ġejjin:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri.

(3) Għandu jkun hemm Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad magħmul mid-Dekan tal-Fakulta' bħala *Chairman*, l-eżaminaturi u l-eżaminaturi ta' barra, fejn imiss.

(4) Il-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad għandu jivvaluta l-livell ta' l-istudenti matul l-erba' snin tal-Kors, wara li jikkunsidra l-kredti miksuba matul il-Kors, u l-livell milħuq minnhom fl-eżamijiet biex ikun jista' jikklassifika l-istudenti li għaddew għall-għoti tal-Grad skond il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(5) Il-livell milħuq mill-istudenti fil-Kors għandu jitqies kif ġej:

L-Ewwel Parti	10%
Il-kredti miksuba matul it-tieni u t-tielet sena	50%
L-eżami tat-Tieni Parti	40%

(6) F'ċirkustanzi eċċezzjonali, Grad ta' "Għadda" fil-Bachelor of Engineering - B.Eng. għandu jingħata lil student li, fl-opinjoni tal-Bord tal-Klassifikazzjoni tal-Grad, issodisfa l-ħtiġijiet ta' kull sena tal-Kors iżda ma laħaqx il-livell xieraq biex jikkwalifika għall-għoti ta' grad bl-Unuri.

(7) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku mqassma fil-kategoriji ta' klassifikazzjoni mniżżlin fil-paragrafi (2) u (6) ta' dan ir-regolament.